# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 114/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Farrugia talli fil-21 ta' Awissu, 1995, ghall-habta tal-10.00 p.m., fil-*by pass* ta' Santa Venera, filwaqt li kien qed isuq il-vettura numru F-7780 ta' ghamla Opel, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Neville Bugeja;

Rat il-kunsens kemm tal-imputat kif ukoll ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja *ab initio* skond l-Artikolu 370(4)(b) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Patrick Farrugia hati skond l-imputazzjoni kif dedotta, jigifieri hati ta' omicidju involuntarju, ikkundannatu multa ta' elfejn lira (Lm2,000), u skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghal-periodu ta' sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Patrick Farrugia, minnu ppresentat fis-6 ta' Gunju, 2001 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tordna "li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma l-kawza mill-gdid u/jew tkompli tisma' l-provi fil-kaz u tiddeciedi fuq l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu skond il-ligi";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed, u wiehed semplici: fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2001 (quddiem il-Qorti Inferjuri) il-kawza kienet thalliet ghat-28 ta' Mejju, 2001 sabiex ikomplu jinstemghu ix-xhieda tad-difiza. Fit-28 ta' Mejju, 2001 izda, l-ewwel qorti ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza taghha (qabel ma nstemghu dawn ix-xhieda u qabel ma saret it-trattazzjoni da parti ta' l-avukat difensur) b'mod li huwa gie pprivat mid-dritt ta' smigh xieraq.

Din il-Qorti m'ghandhiex esitazzjoni li tilqa' dana l-appell peress li l-aggravju jirrisulta fondat. Hu evidenti mill-verbal tal-15 ta' Marzu, 2001 (a fol. 113) li l-kwaza ma kienitx qed tigi differita ghas-sentenza. Infatti fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2001 la saret dikjarazzjoni li d-difiza kienet ghalqet il-provi taghha – effettivament ghat-28 ta' Mejju, 2001 kellha xhieda imharrkin – u anqas jirrizulta mill-verbal li kienet saret it-trattazzjoni da parti tal-ufficjal prosekutur u tal-avukat difensur. L-ewwel qorti, kjarament bi zvista, ghaddiet ghas-sentenza b'mod li effettivament cahdet lill-imputat (illum appellant) mid-dritt ta' smigh xieraq garantit kemm mill-Kodici Krminali kif ukoll mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' mill-gdid il-provi kollha, tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep.Registratur